MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Appell Civili Numru. 18/2002/1

**L-Avukat Dottor Rene Frendo Randon, Fabrizia Frendo Randon, Maria Teresa Gatt, Maria Teresa sive Miriam Foreshow, Gabriella sive Gaby Pellegrini Petit, Tonio Ganado, Vanni Ganado, Maria Galea, Rita Buttigieg, Josephine Farrugia Randon, it-Tabib Dottor Stanley Farrugia Randon, Roberta Farrugia Randon, l-Avukat Dottor Philip Farrugia Randon, Marisa Ellul Sullivan, Martin Farrugia Randon, Maria Paris, Anna Camilleri, Robert Randon, Frances Randon, Hilda Randon, Anthony Louis Randon f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-assenti Victor Randon, Mario Randon f'ismu proprio u bhala mandatarju ta' l-assenti Mary Rose Finn, Victoria Mangion, Hugh Leone Ganado, Albert Leone Ganado,**

**Godfrey Leone Ganado, Joseph Leone Ganado, David Leone Ganado, Miriam Fenech, Mary Pace Balzan, ir-Reverendu John Randon, Vincent Randon, Alexander Randon f'ismu u bhala mandatarju ta' l-assenti Mae Cassar Torreggiani, Eileen Formosa u Anthony Randon, u b'digriet tat-30 ta' Gunju 2003 Anthony Louis Randon F'ismu kif ukoll fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' l-assenti Victor Randon, Mario Randon f'ismu kif ukoll fil-kwalita tieghu ta' mandatarju ta' l-assenti Mary Rose Finn, Victoria Mangion, Hugh Leone Ganado, Albert Leone Ganado, Godfrey Leone Ganado, Joseph Leone Ganado, David Leone Ganado, Miriam Fenech, Mary Pace Balzan u r-Reverendu John Randon assumew l-atti ta' din il-kawza minnflok ir-rikorrenti Frances u Hilda Randon li mietu ntestati fil-mori ta' din il-kawza u b'digriet tat-2 ta' Frar 2007, l-atti tal-kawza gew trasfuzi fil-persuni ta' Eleonora siva Nora Randon, David Randon, Marisa Anderson mart Lee Anderson, Ronald Randon, Christina Randon, Anthony C. Randon u Jai Michael Randon bhala eredi tad-decujus Victor Randon, u b'digriet tat-2 ta' Frar 2007 l-atti ta' din il-kawza gew trazfuzi fil-persuni ta' Mario Randon, Miriam Fenech, Mary Rose Finn, Mary Pace Balzan, Victoria Mangion, Reverendu John Randon, Albert Leone Ganado, Godfrey Leone Ganado, Joseph Leone Ganado, David Leone Ganado u Louis Pace Balzan, bhala prokuratur ta' David Randon, Marisa Anderson, Ronald Randon, Christina Randon, Anthony C. Randon u Jai Michael Randon bhala werrieta tad-decujus Anthony Randon u b'digriet tad-9 ta' Frar 2009, l-atti safejn jirreferu ghal Mary Pace Balzan li mietet fil-mori tal-kawza gew trasfuzi f'isem it-Tabib Dottor John Pace Balzan, Louis Pace Balzan, George Pace Balzan, it-Tabib Dottor Alfred Pace Balzan u Anthony Pace Balzan.**

**v.**

**Il-Kummissarju ta' l-Art u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

**1.** Dan l-appell jirrigwarda zewg porzjonijiet divizi ta’ art, li ghalkemm b’dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali ta’ Malta ta’ l-1969 gew dikjarati li hemm bzonn l-esproprjazzjoni taghhom ghal skop pubbliku, il-proceduri ta’ l-esproprjazzjoni baqghu ma gewx kompletati.

**2.** Ma hemmx verament kontestazzjoni dwar il-fatti bazici u saljenti ta’ din il-kawza, li huma essenzjalment is-segwenti:

1. Permezz ta’ ittra ufficjali datata 21 ta’ Frar 1969 il-Kummissarju ta’ l-Artijiet innotifika lir-rikorrenti u/jew lill-awturi taghhom b’kopja ta’ dikjarazzjoni datata 13 ta’ Frar 1969, li permezz taghha il-Gvernatur Generali ddikjara li s-segwenti art fil-limiti ta’ Birzebbugia kienet mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti ghal skop pubbliku u illi l-akkwist taghha kellu jsir b’xiri assolut: bicca art tal-kejl ta’ erbatax Tmiem, erba’ Sighan u tlett Kejliet u tliet decimi ta’ kejla (14T, 4S, 3.3K) (Plot 2).

2. Kontestwalment ma’ din l-ittra ufficjali, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet, permezz ta’ ittra ufficjali ohra indirizzata lill-istess rikorrenti u/jew awturi taghhom infurmahom illi l-kumpens li l-awtorita` kienet lesta thallashom ghax-xiri assolut bhala liberi u franki ta’ din il-bicca art deskritta kien ta’ tlett elef, mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm3,225).

3. Permezz ta’ ittra ufficjali ohra datata 24 ta’ Frar 1969 il-Kummissarju ta’ l-Artijiet innotifika lir-rikorrenti u/jew lill-awturi taghhom b’kopja ta’ dikjarazzjoni datata 20 ta’ Frar 1969, li permezz taghha l-Gvernatur Generali ddikjara li s-segwenti bicca art ohra fil-limiti ta’ Birzebbugia kienet mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti ghal skop pubbliku u illi l-akkwist taghha kellu jsir b’xiri assolut: bicca art tal-kejl ta’ zewg sieghan, kejla u sitt decimi ta’ kejla (2S 1.6K) (Plot 3).

4. Kontestwalment ma’ din l-ittra ufficjali, l-Kummissarju ta’ l-Artijiet, permezz ta’ ittra ufficjali ohra indirizzata lill-istess

rikorrenti u/jew awturi taghhom infurmahom illi l-kumpens li l-awtorita` lesta thallashom ghax-xiri assolut bhala liberi u franki ta' din it-tieni bicca art deskritta kien ta' disa' mija, tlieta u sebghin lira u erba' xelini (£973.4.0).

5. Permezz ta' ittra ufficjali datata l-10 ta' Marzu 1969, ir-rikorrenti u/jew l-awturi taghhom kienu irrifjutaw il-kumpens offert.

6. Il-Kummissarju intimat ma ipprocediex sabiex jitlob lill-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet jordna t-trasferiment ta' l-artijiet in kwistjoni b'xiri assolut u jiffissa l-kumpens relattiv.

7. Minkejja dan, il-Kummissarju intimat ghadda l-artijiet in kwistjoni lill-Malta Freeport Corporation taht l-Att dwar il-Portijiet Hielsa ta' Malta ta' l-1989 (Kap. 334). B'hekk l-artijiet in kwistjoni gew utilizzati in parti minn din il-Korporazzjoni ghal finijiet taghha. Mill-provi rrizulta illi Plot 2 tal-kejl ta' cirka 15,736 metri kwadri, qed tigi prezentement zviluppata fil-parti l-kbira taghha bhala *stacking area* ghall-*containers*. Il-parti l-ohra ta' madwar 500 metri kwadri, illum tinsab tifforma parti mill-arja koncessa mill-Freeport Corporation lis-socjeta` Medserv Ltd. Plot 3 hija ta' kejl ta' cirka 375 metri kwadri u tinsab prezentement barra mill-konfini tal-Freeport fl-istat originali taghha, pero` tista' tkun inkluza fl-espansjoni ta' l-istess Freeport li qeghda tigi ppjanata[1].

8. Ghalkemm fil-frattemp ir-rikorrenti u/jew l-awturi taghhom interpellaw diversi drabi lill-Kummissarju intimat biex ikompli l-proceduri ta' l-esproprjazzjoni, huwa baqa' inadempjenti, u baqa' jitlob informazzjoni ulterjuri dwar it-titolu tar-rikorrenti u l-awturi taghhom.

9. Fis-27 ta' Awissu 1996, ir-rikorrenti u/jew l-awturi taghhom intavolaw proceduri gudizzjarji fejn talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili tiffissa terminu qasir u perentorju

---

[1] Ara rapport tal-perit tekniku AIC Godwin P. Abela a fol 79-80 tal-process Rikors Nru. 17/02.

sabiex il-Kummissarju intimat, konvenut f'dik il-kawza, jistitwixxi l-proceduri mehtiega quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet (**Dottor Rene Frendo Randon et v. Kummissarju ta' l-Artijiet** (citazzjoni numru 2622/96 AJM)).

10. B'sentenza ta' l-4 ta' Frar 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici w ordnat lill-Kummissarju ta' l-Art sabiex fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza jistitwixxi l-proceduri mehtiega quddiem l-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet in konnessjoni mal-proprjeta` in kwistjoni.

11. Ghal xi raguni li baqghet ma giet qatt zvelata, il-Kummissarju ta' l-Artijiet injora kompletament din id-decizjoni tal-Qorti, u sal-prezentata tar-rikors promotorju fit-18 ta' Lulju 2002 kien ghadu ma ntavolax l-proceduri necessarji quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet sabiex tigi konkluza l-esproprjazzjoni tal-proprjeta` in kwistjoni.

12. Fil-frattemp gew rezi pubblici l-pjanijiet tal-Gvern rigward il-privatizazzjoni, totali jew parzjali, tal-Freeport Corporation, inkluz l-ghoti lis-settur privat ta' l-uzu u t-tgawdija ta' certi strutturi mibnija in parti fuq l-artijiet in kwistjoni.

13. Fil-fatt fil-mori tal-proceduri odjerni, u cioe b'kuntratt ta' kera fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tal-5 ta' Ottubru 2004, il-Malta Freeport Corporation Limited kriet il-proprjeta` gol-Freeport lil kumpanija privata, u cioe` lill-kumpanija Malta Freeport Terminals Ltd., ghal perjodu ta' tletin sena, bil-kera li tibda minn miljun dollaru American fis-sena u tibqa' titla kull sena sakemm fit-tletin sena trid tithallas kera ta' hmistax, decimali 22 (15.22) miljun dollaru Amerikan[2].

## <u>Talbiet u eccezzjonijiet</u>

**3.** Fir-rikors promotorju taghhom, ir-rikorrenti allegaw:

[2] Ara fol. 142 *et seq.* tal-process Rikors Nru. 17/02, senjatament fol. 165.

1. illi l-esproprjazzjoni ta’ l-artijiet in kwistjoni ma saritx fl-interess pubbliku;
2. nuqqas ta’ dritt ta’ access quddiem awtorita` gudizzjarja bi ksur ta’ l-Artikolu 37 (recte 1)(b) tal-Kostituzzjoni;
3. nuqqas ta’ smiegh xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur ta’ l-Artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
4. nuqqas ta’ indipendenza w imparzjalita` tal-Bord ta’ l-Arbitragg bi ksur ta’ l-Artikoli 37(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;
5. vjolazzjoni tad-dritt ghal kumpens li jkun xieraq.

**4.** Ghalhekk huma talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, sabiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja:

1. tiddikjara li gew lezi d-drittijiet kostituzzjonali taghhom kif enunzjati fl-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;
2. tiddikjara li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom kif enunzjati fl-Artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u fl-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll li hemm ma’ l-istess Konvenzjoni, inkorporati fl-Ewwel Skeda ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. konsegwentement tiddikjara nulla w invalida fil-ligi l-operazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali in kwantu tolqot l-artijiet imsemmija fl-ittri ufficjali tal-21 u ta’ l-24 ta’ Frar 1969, u
4. taghti kull rimedju iehor xieraq u opportun.

**5.** Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet u l-Avukat Generali in sintezi eccepew illi:

1. preliminarjament r-rikorrenti jridu jgibu l-prova tat-titolu taghhom fuq l-artijiet illi dwarhom huma qeghdin jintavolaw dawn il-proceduri;

2. Preliminarjament ukoll illi l-Ministru ghall-Gustizja u Gvern Lokali m'huwiex l-legittimu kontradittur ghat-talbiet[3];

3. Fil-meritu, huma eccepew illi:

(a) L-art *de quo* qieghda tintuza bhala parti mill-Port Hieles ta' Malta illi huwa manifestament progett fl-interess pubbliku. Dan l-interess pubbliku fl-ezistenza tal-Port Hieles jezisti u jissussisti irrispettivament minn jekk l-istess Port Hieles jkunx gestit bhala korporazzjoni tal-Gvern jew bhala intrapriza gestita mill-privat;

(b) Kwantu ghall-ilment dwar "nuqqas ta' dritt ta' access quddiem awtorita` gudizzjarja", din il-lanjanza hija bazata fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u m'hijiex diskutibbli in vista' ta' dak li jiipprovdi l-Artikolu 47(9) ta' l-istess Kostituzzjoni illi jezenta mill-operat ta' l-Artikolu 37 il-Kap. 88 kif kien fit-3 ta' Marzu 1962. Inoltre, il-fatt illi nonostante is-sentenza tal-Qorti kompetenti, il-Kummissarju ta' l-Artijiet naqas milli jipprocedi quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg, dana zgur sar bi zvista, izda f'kull kaz ir-rikorrenti kellhom gudikat favur taghhom illi huma naqsu li jitolbu li jigi enforzat.

Illi pero` dak li qeghdin jsostnu r-rikorrenti huwa fi kwalunkwe kaz infondat ghax kull meta jkun hemm obbligazzjoni minghajr terminu, min ikun qieghed jippretendi l-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jista' jaccedi quddiem il-Qrati ghall-fissazzjoni ta' dak it-terminu kif, del resto, r-rikorrenti fil-fatt ghamlu.

(c) Kwantu ghan-nuqqas ta' smiegh xieraq taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, skond l-Artikolu 7 ta' l-Att XIV ta' l-1987 *"Ebda ksur ta' drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali imwettqa qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dan l-Att."* Dan ifisser illi l-perjodu ta' bejn l-1969 u t-30 ta' April 1987 certament m'huwiex diskutibbli taht il-Kap. 319.

[3] Effettivament l-Ministru ghall-Gustizja u Gvern Lokali ma kienx gie mharrek f'dawn il-proceduri.

Illi di piu` r-rikorrenti kellhom il-facilita` li jaccedu ghall-Qorti sabiex din tiffissa terminu ghall-intavolar ta' l-azzjoni quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet, liema facilita` huma damu ma utilizzawha sal-1996.

Illi r-rikorrenti ma kienux ippruvaw it-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni u baqghu ma ppruvawx dan it-titolu sal-lum.

(d) Dwar l-ilment rigward l-allegata nuqqas ta' indipendenza w imparzjalita` tal-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet, l-intimati ssollevaw l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju fit-termini ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, billi jekk ir-rikorrenti jidhrilhom illi l-membri tal-Bord ma jgawdux l-indipendenza u l-imparzjalita` necessarji skond il-ligi, dawn imisshom irrekuzawhom.

Illi l-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet huwa imwaqqaf b'ligi (l-artikolu 23 tal-Kap. 88), ma huwa soggett illi jiehu ordnijiet minn ghand hadd, u huwa ghalhekk indipendenti, u huwa marbut bl-obbligi imposti fuq l-Imhallfin permezz ta' artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar ir-rikuzi, inkluz l-obbligu ta' l-imparzjalita. L-imsemmi Bord huwa wkoll attwalment presjedut minn gudikant illi jgawdi l-protezzjoni kollha tal-Kostituzzjoni u kif jirrizulta mill-artikolu 24(3) tal-Kap. 88 il-membri tal-Bord igawdu *security of tenure* ghall-perjodu ta' hatra taghhom.

Illi subordinatament gie sottomess ukoll illi kull ma jaghmel il-Bord huwa illi jiffissa l-ammont ta' kumpens u illi din il-funzjoni ma tammontax ghad-*"determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi civili".*

(e) dwar l-allegata vjolazzjoni tad-dritt ghal kumpens li jkun xieraq, il-kumpens offert lir-rikorrenti huwa gust u xieraq tenut kont ta' x'ittiehed minn ghandhom fiz-zmien li ittiehed, u cioe` fl-1969. Huwa assolutament illogiku illi r-rikorrenti igawdu minn awment fil-valur tal-proprjeta` in kwistjoni li sar wara t-tehid u illi hafna minnu huwa ukoll dovut ghall-investiment pubbliku massiv illi sar fl-inhawi in

kwistjoni. Huwa wkoll rilevanti illi l-Kap. 88 jipprovdi ghall-hlas ta' *'danni'* kalkolati bil-hamsa fil-mija fis-sena fuq il-valur mid-data li fiha l-Gvern ikun ha l-art esproprjata sad-data tal-hlas tal-kumpens.

**6.** Peress li l-mertu ta' dan ir-rikors huwa simili ghal dak tar-rikors l-iehor numru 17/02 (fl-ismijiet **L-Avukat Dott. Rene` Frendon Randon et v. Il-Kummissarju tal-Art et**), il-partijiet ftehmu li z-zewg processi ghandhom jimxu flimkien[4]. Fil-fatt jista' jinghad mill-ewwel li l-fatti huma identici - ghalkemm ovvjament jittrattaw zewg bicciet art differenti - hlief li kif diga` inghad, ghal xi raguni li baqghet qatt ma gie zvelata, l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet injora kompletament is-sentenza tal-Prim Awla li ordnatlu jistitwixxi l-proceduri necessarji quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet.

**Is-sentenza appellata**

**7.** B'sentenza ta' l-20 ta' Ottubru 2008, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet mill-vertenza billi fl-ewwel lok cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-intimati; billi fit-tieni lok iddikjarat li gew lezi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti billi kien hemm nuqqas ta' access tar-rikorrenti ghall-awtorita` kompetenti; billi fil-tielet lok cahdet il-pretensjonijiet l-ohra kollha tar-rikorrenti; fir-raba' lok billi ordnat li l-intimati Kummissarju ta' l-Art u l-Avukat Generali *in solidum* bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf euro (€125,000) in linea ta' kumpens ghall-imsemmija "vjolazzjoni serja tad-drittijiet tar-rikorrenti rigwardanti l-access ghall-awtorita` gudizzjarja kompetenti"; u fil-hames lok billi ddikjarat li m'ghandu jinghata l-ebda rimedju iehor hlief dak gia moghti.

**8.** L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ikkunsidrat:

"Ikkonsidrat:

[4] Ara verbal fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2002, a fol. 38 tal-process Rikors Nru. 17/02.

“Din il-kawza giet trattata kontestwalment mar-rikors numru 17/02 li gie deciz illum stess. Din il-kawza hi ukoll fl-istess ismijiet tal-imsemmija kawza l-ohra 17/02, bl-eccezzjoni li f’din il-kawza hemm biss bhala intimati l-Kummissarju ta’ l-Art u l-Avukat Generali. Il-meritu tal-presenti proceduri huma bicctejn art li jinsabu ukoll f’Benghajsa limiti ta’ Birzebbugia, liema bicctejn art, pero`, ovvjament huma differenti minn dawk il-bicctejn art li huma l-meritu tal-imsemmija proceduri l-ohra;

“Ir-rikorrenti qed jippremettu, fil-presenti proceduri, dak kollu li ppremettew fil-proceduri l-ohra, bl-eccezzjoni li z-zewg ilmenti dwar in-nuqqas ta smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, fil-presenti proceduri gew migbura f-ilment wiehed. L-intimati ppresentaw ezattament l-istess risposta, inkluz iz-zewg eccezzjonijiet preliminari. It-tieni eccezzjoni preliminary tirrigwarda intimat li mhux imharrek fil-presenti proceduri u ghalhekk tali eccezzjoni preliminari saret ghal xejn. Saret minnghajr ma l-intimati indenjaw ruhhom li jikkancellaw tali eccezzjoni preliminari mir-risposta taghhom. Dan hu indikattiv ta’ traskuragni jew non-kuranza da parti ital-intimati, li donnhom irragunaw li intant hemm il-Qorti li semmai tiehu hsieb li tittratta u tiddeciedi dwar tali eccezzjoni. Dan kollu jammonta ghal telf ta zmien u nuqqas ta’ rispett lejn il-Qorti;

“Dak kollu li hemm fl-imsemmija sentenza tal-lum fir-rikors numru 17/02 japplika ukoll ghal dawn il-proceduri. Dan qed jinghad ghar-rigward tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti u ghall-konkluzjonijiet li wasslet ghalihom l-istess Qorti fl-imsemmija sentenza l-ohra. Dan kollu, pero`, bl-eccezzjoni ta’ dak kollu li ntqal fis-sentenza l-ohra dwar l-intimati li mhux imharrka fil-presenti proceduri. F’dan ir-rigward hemm differenza ohra u dana ghar-rigward tal-pretensjoni tar-rikorrenti li giet akkolta fis-sentenza l-ohra u li ghandha ukoll tigi akkolta f’dawn il-proceduri;

“Din il-pretensjoni tirrigwarda n-nuqqas ta’ access tar-rikorrenti ghall-awtorita’ gudizzjarja kompetenti. Dak kollu li ntqal fis-sentenza l-ohra ghar-rigward ta’ din il-pretensjoni, hu applikabbli ghal presenti sentenza. Irid jizdied pero` li ghar-rigward tal-bicctejn art in kwestjoni

f'dawn il-proceduri, l-intimat Kummissarju tal-Art, illegalment u rregolarment, naqas li jipprocedi quddiem il-Bord kompetenti sabiex jigi ffissat, fost affarijiet ohra, il-kumpens xieraq dovut u dan nonostante li kellu ordni, f'dan is-sens, tal-Qorti kompetenti. Fl-opinjoni tal-Qorti dan izid mal-pregudizzju, gia' gravi u serju, li sofrew ir-rikorrent meta gie vvjolat id-dritt taghhom li jkollhom access ghall-awtorita gudizzjarja kompetenti in konnessjoni mal-espropju tal-bicctejn art meritu ta dawn il-proceduri;

"F'dan il-kaz ukoll r-rimedju gust, fl-opinjoni tal-Qorti Ghandi jiehu il-forma ta' hlas mill-intimati lir-rikorrenti ta' kumpens pekunjarju. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet u fatturi kollha rilevanti, tali kumpens ghandu jigi likwidat fis-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin elf euro (€125000);"

**L-appelli tal-partijiet**

**9.** Ir-rikorrenti u l-intimati Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali appellaw minn din is-sentenza.

**10.** L-aggravji ta' l-intimati appellanti kollha jirrigwardaw l-ilment dwar nuqqas ta' dritt ta' access quddiem awtorita` gudizzjarja, u dawn l-aggravji jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi l-ewwel Qorti kienet skorretta fil-konkluzjoni taghha illi l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ma kienx jezenta mill-operat ta' l-Artikolu 37, l-Att dwar Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) kif kien fis-sehh fit-3 ta' Marzu 1962. Konsegwentement, l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkunsidra l-ilmenti tar-rikorrenti abbazi ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u kellha tichad l-ilment.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dan, l-ilment huwa wiehed infondat ghax meta jkun hemm obbligazzjoni minghajr terminu, min ikun qieghed jippretendi l-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jista' jaccedi quddiem il-Qrati ghall-fissazzjoni ta' dak it-terminu kif ir-rikorrenti eventwalment ghamlu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpens li nghata mill-ewwel Qorti ta' €125,000 huwa bla bazi u huwa wiehed eccessiv.

4. Illi, skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, d-dritt ghal access ghal Qrati m'huwiex dritt assolut u dan id-dritt huwa wiehed li jista' jigi soggett ghal certi modalitajiet u limitazzjonijiet f'sitwazzjonijiet fejn dan ikun oggettivament gustifikabbli.

**11.** Illi safejn setghet tifhem din il-Qorti mir-rikors ta' l-appell taghhom, l-aggravji tar-rikorrenti appellanti jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi ghalkemm ma hemm ebda dubju li l-iskop originali ta' l-esproprju kien ta' natura pubblika, tenut kont tal-mentalita` "statalista" prevalenti fiz-zmien taghha, madanakollu, il-fatt illi l-Plot Numru 3 mertu ta' dan ir-rikors baqghet qatt ma ntuzat ghal ghexieren ta' snin u l-fatt illi l-proceduri ta' esproprju ghadhom ma gewx konkluzi jintitola lir-rikorrenti ghar-restituzzjoni ta' l-istess.

2. Illi ladarba parti mill-artijiet li gew zviluppati gew mikrija lil terzi fis-settur privat, m'ghadux gustifikabbli fl-interess pubbliku li l-esproprju jigi konkluz fit-termini originali tieghu, u l-art tista' tigi restitwita lis-sidien taghha kif soggetta ghall-kirja prezenti, versu hlas tal-kera li jkun proporzjonat ghall-valur attwali ta' l-art, eskluzi l-benefikati, kif jikkontempla l-istess Kap. 88;

3. L-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta assumiet illi llum il-gurnata, ghar-rigward tal-porzjonijiet ta' art mertu ta' dan ir-rikors, m'ghadux mehtieg li jkun il-Kummissarju ta' l-Art li jibda l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg, imma li tali proceduri jistghu jinbdew mir-rikorrenti appellanti infushom. Id-dikjarazzjonijiet ta' esproprji li saru qabel l-emendi ta' l-2002 ghadhom soggetti ghall-procedura l-antika, li trid tigi inizjata mill-Kummissarju appellat, sakemm il-Kummissarju appellat ma johrogx stima gdida.

4. Dwar in-nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli (Artikoli 37(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea), l-ewwel Qorti kienet skorretta meta in parti accettat tali nuqqas imma attribwitu ghan-nuqqas ta' access ghat-tribunal kompetenti, u in parti cahditu in kwantu l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg ghadhom iridu jsiru.

5. Illi ghalkemm huwa minnu li l-gudikant assenjat ghall-Bord ta' l-Arbitragg huwa membru tal-gudikatura li jgawdi indipendenza u imparzjalita` pjena, madanakollu, il-membri teknici tal-Bord (li effettivament f'kaz ta' qbil bejniethom jillikwidaw wahedhom il-*quantum* dovut) jintghazlu esklussivament mill-Gvern innifsu u l-gudikant jista' biss jaghzel mil-lista provduta lilu. In oltre, il-mod kif dawn il-membri teknici jigu mahtura jimmina s-*security of tenure* taghhom.

6. Illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ghazlet li ma tissindikax f'dan l-istadju l-*quantum* li jista' jigi eventwalment likwidat mill-Bord ta' l-Arbitragg billi l-proceduri ghadhom pendenti.

**L-aggravji ta' l-intimati appellanti**

**12.** L-aggravji ta' l-intimati appellanti huma identici ghal dawk li saru fir-rikors ta' l-appell tal-process numru 17/2002 fl-istess ismijiet[5], u r-risposta hija identika ukoll. Is-sentenza fil-kawza 17/2002 qed tinghata minn din il-Qorti wkoll illum. Ghaldaqstant, a skans ta' ripetizzjoni inutli, qed issir piena riferenza ghall-kunsiderazzjonijiet hemm maghmula u ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom din il-Qorti fil-process ta' l-appell numru 17/2002, li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghall-din il-kawza (cioe` 18/2002).

**13.** Pero` hemm kunsiderazzjoni ulterjuri li trid issir f'dan l-appell (cioe` fit-18/2002), dwar il-vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti appellati ghal access ghal awtorita` gudikanti kif

[5] L-unika differenza hi li fil-kawza nru 17/2002 l-intimati kienu jinkludu il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Gvern Lokali u, inizjalment, il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan ghaliex fil-kaz odjern, kif diga` inghad iktar 'il fuq, il-Kummissarju appellant, abuzivament u illegalment, naqas milli jistitwixxi l-proceduri necessarji quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg biex tigi konkluza l-esproprjazzjoni taz-zewg bicciet art mertu ta' din il-kawza, u dan minkejja li kellu ordni tal-Qorti kompetenti li ordnatlu li jaghmel dan fi zmien perentorju. Konsegwentement, ghal fini ta' dan l-appell, jista' jinghad li l-ksur ta' l-Artikolu 6 beda jiddekorri mit-30 ta' April 1987[6] u ghadu jissussisti sal-lum il-gurnata. Dan il-fatt ikompli jaggrava l-pregudizzju kagunat lir-rikorrenti appellati u ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni morali dovuti. Min-naha l-ohra, fil-likwidazzjoni tad-danni morali, ghandu jittiehed ukoll kont tal-fatt li nonostante li fis-sena 2000 r-rikorrenti appellati kellhom favur taghhom sentenza tal-Qorti kompetenti, kif fuq inghad, huma naqsu ghal dawn is-snin kollha li jitolbu lill-Qorti kompetenti li tenforza dik is-sentenza.

## L-aggravji tar-rikorrenti appellanti

**14.** L-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames u s-sitt aggravji tar-rikorrenti appellanti huma wkoll identici ghal dawk minnhom sollevati fl-appell fil-process numru 17/2002, u r-risposta hija identika ukoll. Ghalhekk anke hawn din il-Qorti taghmel referenza ghall-kunsiderazzjonijiet li hija ghamlet u l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fis-sentenza li qed tinghata wkoll illum fil-kawza numru 17/2002.

**15.** Hemm, pero`, differenza wahda ghal dak li jirrigwarda r-raba' aggravju fl-appell odjern (it-tielet aggravju ta' l-appell numru 17/2002), dwar ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, u dan stante li fil-kaz odjern – kif diga` gie osservat – il-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg ghadhom ma nbdewx. Konsegwentement il-konsiderazzjonijiet maghmula fil-process numru 17/2002 dwar l-allegat nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg, jistghu jkunu marginalment relevanti ghall-fini tal-kawza odjerna.

[6] Ara Artikolu 7 ta' l-Att XIV ta' l-1987 u l-konsiderazzjonijiet ta' l-esponenti fir-rigward fil-process ta' l-appell numru 17/02.

Ghalhekk, ghandu jigi ikkunsidrat li l-lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti appellanti ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea bdiet mit-30 ta' April 1987[7] u ghadha tissussisti sal-lum – trapass ta' tnejn u ghoxrin sena. Dan ifisser li fil-kaz odjern l-pregudizzju kkagunat lir-rikorrenti appellati huwa iktar gravi u dan il-fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni morali dovuti. Min-naha l-ohra, fil-likwidazzjoni tad-danni morali, ghandu jittiehed ukoll kont tal-fatt li nonostante li fis-sena 2000 r-rikorrenti kellhom favur taghhom sentenza tal-Qorti kompetenti, kif fuq inghad, huma naqsu ghal dawn is-snin kollha milli jitolbu lill-Qorti kompetenti tenforza dik is-sentenza. Dan apparti l-fatt li kif gie osservat fil-konsiderazzjonijiet taghha fir-rikors ta' l-appell numru 17/2002, ir-rikorrenti kellhom jutilizzaw ir-rimedju ordinarju li jitolbu lill-Qorti kompetenti tiffissa terminu sabiex il-Kummissarju intimat jistitwixxi l-proceduri necessarji quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg ghexieren ta' snin qabel l-1996.

**16.** It-tielet aggravju tar-rikorrenti appellanti gie sollevat biss fil-proceduri odjerni, u ma giex sollevat fir-rikors ta' l-appell numru 17/2002, u ghalhekk irid jigi ikkunsidrat. F'dan l-aggravju, ir-rikorrenti appellanti jissottomettu illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta assumiet illi llum il-gurnata, ghar-rigward tal-porzjonijiet ta' art mertu ta' dan ir-rikors, m'ghadux mehtieg li jkun il-Kummissarju ta' l-Art li jibda l-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg, imma li tali proceduri jistghu jinbdew mir-rikorrenti appellanti infushom. Id-dikjarazzjonijiet ta' esproprji li saru qabel l-emendi ta' l-2002 ghadhom soggetti ghall-procedura l-antika, li trid tigi inizjata mill-Kummissarju appellat, sakemm il-Kummissarju appellat ma johrogx stima gdida.

**17.** Minn qari tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti, ma jirrizultax li l-ewwel Qorti assumiet li llum il-gurnata r-rikorrenti jistghu jibdew huma stess il-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg, kif qed jallegaw ir-rikorrenti appellanti. Tant hu hekk, li fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti llikwidat ammont ta' danni morali sostanzjalment iktar minn dak li

[7] Ara nota *in calce* nru 6, *supra*.

hija llikwidat fis-sentenza tal-process 17/02, minhabba l-pregudizzju ikbar li sofrew u ghadhom qed isofru r-rikorrenti appellanti. Fi kwalunkwe kaz, dan it-tielet aggravju ma jqajjem l-ebda kwistjoni gdida li ma gietx diga` koperta fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti fil-kuntest ta’ l-appell ta’ l-intimati dwar id-dritt ghal access ghal awtorita` gudikanti, u fil-kunsiderazzjonijiet dwar ir-raba’ aggravju tar-rikorrenti appellanti fil-proceduri odjerni (it-tielet aggravju taghhom fil-process 17/2002) dwar in-nuqqas ta’ smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Konsegwentement din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dan it-tielet aggravju.

**<u>Kumpens dovut</u>**

**18.** Wara li li din il-Qorti kkunsidrat id-drittijiet fundamentali kollha li fl-opinjoni ta’ l-esponenti gew lezi kif fuq spjegat, wara li qieset id-differenzi ezistenti bejn l-appell odjern u l-appell numru 17/2002, u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti appellanti ghandhom jinghatalhom kumpens ghal danni morali ta’ sebgha u ghoxrin elf euro (€27,000).

**<u>Decide</u>**

**19.** Konsegwentement din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq esposti, qeghda tirriforma s-sentenza appellata billi (**a**) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati (cioe` dwar il-prova tat-titolu) u (**b**) thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok tiddikjara li gew lezi (**i**) id-dritt tar-rikorrenti appellanti ghal access ghal awtorita` gudikanti kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, (**ii**) id-dritt taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif protett bl-ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, (**iii**) id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u (**iv**) d-dritt taghhom ghal smiegh xieraq minn tribunal indipendenti, kif protetti bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; u (**c**) tichad il-pretensjonijiet l-ohra kollha tar-rikorrenti appellanti; (**d**) tillikwida l-ammont ta’ sebgha u ghoxrin elf euro (€27,000) bhala danni morali, u

tikkundanna lill-Kummissarju ta' l-Art u lill-Avukat Generali *in solidum* bejniethom ihallsu lir-rikorrenti appellanti din is-somma hekk likwidata.

**20.** In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez kemm ta' l-ewwel Qorti kif ukoll ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**21.** Fl-ahharnett tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi trasmessa mir-Registratur, Qrati u Tribunali Civili, lill-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappresentanti ghall-finijiet tal-Artikolu 242(1) tal-Kap. 12 in vista ta' dak deciz taht il-partita (**iv**) fid-*decide*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------